# Network Dinji ta’ Talb mal-Papa

Adorazzjoni skont il-Fehma tal-Papa Mejju 2023

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **biex il-movimenti u l-gruppi ekkleżjali jiskopru kuljum il-missjoni tagħhom ta’ evanġelizzazzjoni billi jqiegħdu l-kariżmi tagħhom għas-servizz tal-bżonnijiet tad-dinja.**




**Qari**: *Il-Papa Franġsiku waqt l-Anġelus nhar l-24 ta’ Jannar 2016*

L-evanġelizzazzjoni tal-foqra: din hi l-missjoni ta’ Ġesù skont kif jgħid Hu stess; din ukoll hi l-missjoni tal-Knisja u ta’ kulll min hu mgħammed fil-Knisja. Li tkun Nisrani u missjunarju hi l-istess ħaġa. It-tħabbir tal-Evanġelju bil-kelma u, qabel kollox, bil-ħajja, hu l-għan prinċipali tal-komunità Nisranija u ta’ kull membru tagħha. Hawnhekk naraw li Ġesù jindirizza l-Bxara t-Tajba lil kulħadd, ħadd eskluż, anzi jipprivileġġja lill-aktar imbiegħda, lill-batuti, lill-morda, lil min hu skartat mis-soċjetà.
Nistaqsu lilna nfusna: xi jfisser li tevanġelizza lill-foqra? Fuq kollox ifisser li nersqu lejhom, ifisser li nfittxu l-ferħ fil-qadi li ntuhom, li neħilsuhom mill-jasar tagħhom, u dan kollu f’isem u bl-Ispirtu ta’ Kristu, għax Hu nnifsu hu l-Evanġelju ta’ Alla, hu l-Ħniena t’Alla, hu l-ħelsien ta’ Alla, Hu li ftaqar biex jagħnina bil-faqar tiegħu.

Mulej Ġesù, inti l-wiċċ t’Alla u għalhekk turina
li t-triq li twassalna għand Alla l-Missier
hi t-triq tal-fidi, tat-tama u tal-imħabba.
Inti tajtna l-Bxara t-Tajba u għallimtna li l-fidi f’Alla l-Missier
hija mibnija fuq l-imħabba ta’ Alla u tal-proxxmu.
Għinna nifhmu li l-imħabba tal-proxxmu
b’mod prattiku tfisser il-preżenza t’Alla fil-fqar u l-batuti.
Mulej, inroddulek ħajr tal-kotra ta’ doni
li inti ssawwab fuq il-Knisja tiegħek
permezz tal-movimenti u l-gruppi tagħha.
Agħmel li huma jgħożżu l-għeruq spiritwali tagħhom
u jagħrfu kif iwassluhom ma’ kull min jiltaqgħu magħhom,
speċjalment lill-ġenerazzjoni li tielgħa.

Għinhom, Mulej, ħalli jiskopru kuljum
il-missjoni tagħhom ta' evanġelizzazzjoni,
billi jqiegħdu l-kariżmi tagħhom għas-servizz tal-bżonnijiet tad-dinja.
Għalhekk, Mulej, nitolbuk sabiex tagħti lilna lkoll
l-għajnuna biex bl-għażliet li nagħmlu fil-ħajja tagħna,
inkunu nistgħu ngħixu u naqsmu l-imħabba tiegħek ma' kulħadd,
u biex inwasslu l-ferħ tiegħek u s-salvazzjoni sa truf l-art.
Għinna, Mulej, sabiex ma nibżgħux naqsmu mal-oħrajn
l-esperjenza tal-fidi tagħna, u nagħtu xhieda tal-fidi tagħna
billi nħabbru l-Evanġelju lil kulħadd, speċjalment lill-foqra,
lill-aktar imbiegħda, lill-batuti, lill-morda, lil min hu skartat mis-soċjetà.
Agħtina l-kuraġġ biex ma ningħalqux fina nfusna,
iżda naħsbu fl-oħrajn u b'hekk neħilsu mill-egoiżmu tagħna.
Fuq kollox, Mulej, agħtina d-dehen biex nifhmu li l-ħbiberija sinċiera,
l-għajnuna u s-sapport li noffru lill-oħrajn huma mezz
ta' evanġelizzazzjoni f'dinja materjalistika u egoista.
Nitolbuk, Mulej, sabiex inti tgħinna ħalli nsaħħu
l-impenn tagħna lejn it-tiġdid interjuri
billi nirċevuk fl-Ewkaristija kuljum u permezz tat-talb,
biex b'hekk inkunu xhieda aktar qawwija u ċara
tal-Evanġelju fid-dinja tal-lum.

**KANT**

**Qari:** *Il-Papa Franġisku, fl-20 ta' Ottubru 2021, katekeżi fuq l-Ittra lill-Galatin: Il-libertà titwettaq fil-karità.*

Il-libertà ta' Ġesù twassalna biex "naqdu lil xulxin fl-imħabba" (Gal:13). Imma dan hu jasar? Iva, il-libertà fi Kristu għandha ċertu "jasar", dimensjoni li twassalna għall-qadi, biex ngħixu għal xulxin. Il-libertà vera, fi kliem ieħor, tesprimi ruħha b'mod sħiħ fil-karità. Għal darb'oħra ninsabu quddiem il-paradoss tal-Vanġelu: aħna ħielsa meta naqdu, mhux meta nagħmlu dak li rridu. Aħna ħielsa meta naqdu, u hemm tiġi l-libertà; niksbu ħajjitna b'mod sħiħ skont kemm ningħataw. Nirbħu ħajjitna skont kemm nagħtuha, skont kemm ikollna l-kuraġġ li ningħataw; ħajjitna nirbħuha jekk nitilfuha (ara Mk 8:35). Dan hu Vanġelu pur.

…. Il-libertà mmexxija mill-imħabba hija l-unika li tagħmel ħielsa lill-oħrajn u lilna stess, li taf tisma' mingħajr ma timponi, li taf tħobb mingħajr ma ġġiegħel, li tedifika u ma teqridx, li ma tisfruttax lill-oħrajn għall-kumditajiet tagħha u li tagħmlilhom il-ġid mingħajr ma tfittex dak li hu utli għaliha. F'kelma waħda, jekk il-libertà ma tkunx għall-qadi – din hija l-prova – jekk il-libertà ma tkunx għall-qadi tat-tajjeb, tirriskja li ssir sterili u ma tagħmilx frott. Imma l-libertà mmexxija mill-imħabba twassalna għand il-foqra, u f'wiċċhom nagħrfu dak ta' Kristu.

Mulej, inti għidtilna: *"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja,*
*għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja.*
*Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu*
*għall-imħabba tiegħi u tal-Evanġelju, isalvaha.*
*Għax x'jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha*
*u mbagħad jitlef ħajtu?* (Mk 8:34-36)
Agħmel, Mulej, li nkunu kapaċi nimxu fuq l-eżempju tiegħek
u naqdu lil xulxin bl-imħabba.
Mulej, il-Papa Franġisku qal li "*m'hemmx libertà*
*mingħajr imħabba. Hi l-imħabba ta' Kristu li ħelsitna,*
*u mill-ġdid hi l-imħabba li teħlisna mill-agħar jasar,*
*dak tagħna nfusna; għalhekk il-libertà tikber mal-imħabba."*
Għalhekk, Mulej, nitolbuk sabiex nagħrfu u nilmħu
l-imħabba fi Kristu, l-imħabba li teħlisna u
takkumpanjana fil-qadi tal-oħrajn.
Mulej, nitolbu sabiex ngħożżu l-ferħ li inti tpoġġi ġo qalbna
u biex inkomplu nissaħħu permezz tal-kelma tiegħek,
ħalli nilqgħu l-isfidi li d-dinja moderna tpoġġi quddiemna.
Mulej, agħtina d-dehen biex nifhmu li l-ħbiberija sinċiera,
l-għajnuna u s-sapport li noffru lill-oħrajn huma mezz
ta' evanġelizzazzjoni f'dinja materjalistika u egoista.
Agħtina l-kuraġġ biex ma ningħalqux fina nfusna,
iżda naħsbu fl-oħrajn u b'hekk neħilsu mill-egoiżmu tagħna.
Għinna, Mulej, sabiex il-movimenti u l-gruppi tal-Knisja
jwieġbu mill-qalb għall-istedina tal-Vanġelu li int qiegħed tagħmlilhom,
għax int, Mulej, Alla li tħobbna u li ssalvana.
Għinhom, Mulej, sabiex jikkommettu ruħhom għall-evanġelizzazzjoni,
mhux bil-kliem biss, iżda bil-fatti, bil-mod kif jgħixu l-ġurnata,
u bil-mod kif jimxu mal-oħrajn fil-ħajja tagħhom.

Agħmel, Mulej, li permezz tal-ħidma tagħhom inti tkun glorifikat,
inti li bgħatt lil ibnek il-waħdieni biex jeħlisna mid-dlam għad-dawl.

**Nitolbu flimkien**

Il-Papa Franġisku qal: *L-evanġelizzazzjoni tal-foqra, hi t-twassil tal-Aħbar it-Tajba. Attenzjoni: dan ma jfissirx li toffri l-assistenza soċjali biss..... Ifisser li toffri l-qawwa tal-Evanġelju ta' Alla, li jikkonverti l-qlub, ifejjaq il-ġrieħi, jittrasforma r-relazzjonijiet umani u soċjali skont il-loġika tal-imħabba.*

Għalhekk nitolbuk Mulej, sabiex tibgħat l-Ispirtu tiegħek fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna, biex ikollna l-kuraġġ li nwasslu l-imħabba tal-Missier ma' kull min niltaqgħu miegħu, speċjalment lill-imwarrbin u lill-foqra.

Nitobu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex inkunu kapaċi nirringrazzjawk tal-imħabba kbira tiegħek u biex inpoġġuk fiċ-ċentru ta' ħajjitna, biex b'hekk inkunu kapaċi nkunu xhieda tiegħek permezz tal-ħajja tagħna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, għinna sabiex inkunu lesti li noffru l-għajnuna u s-sapport tagħna lil kull min niltaqgħu miegħu, ħalli nkattru l-imħabba fid-dinja u b'hekk inkunu qed nimxu fuq il-passi ta' Ġesù.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, agħtina d-dehen biex nifhmu li int m'intix tistenna li nagħmlu ħwejjeġ li jgħaġġbu lil kulħadd, anzi tridna nifhmu li rridu nitilqu mill-ħwejjeġ żgħar ta' kuljum.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, Mulej, fost il-membri tal-movimenti u l-gruppi ekkleżjali, ħalli jismgħu leħnek fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, sabiex b'hekk ikollhom il-kuraġġ biex ikunu xhieda ħajja tal-kelma tiegħek u biex ikomplu jikbru fil-fidi u jipperseveraw fl-għażla tagħhom li jpoġġu ħajjithom f'idejk għas-servizz tal-oħrajn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej